# BirdLife Malta ssejjaħ lill-Gvern biex iħares lill-għasafar waqt il-passa

## Bies tar-Reġina protett jispiċċa vittma tal-kaċċa illegali f'Għawdex

Hekk kif ix-xhur tas-sajf reqsin lejn it-tmiem, u b'temperaturi aktar friski qed jibdew jinħassu fit-Tramuntana tal-Ewropa, l-għasafar qegħdin għal darba oħra jħejju għall-vjaġġi impressjonanti tal-passa tagħhom lejn l-Afrika. Ħafna minn dawn l-għasafar jkunu fuq l-ewwel passa tagħhom wara li faqqsu fir-rebbiegħa li għaddiet.

L-ewwel qtajja' ta' rsieset, Qerd in-Naħal u tajr tal-priża diġà bdew jidhru f'Malta, u magħhom timijiet u voluntieri ta' BirdLife Malta bdew jisimgħu wkoll diversi tiri tas-snieter tal-kaċċa.

"Diġà daħlitilna l-ewwel vittma tal-kaċċa illegali. Bies tar-Reġina li nstab ferut f'Marsalforn, Għawdex nhar il-Ħadd 29 ta' Awwissu ttieħed għand il-veterinarju u b'xorti tajba ntbagħat għar-riabilitazzjoni wara li kien operat", sostna l-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara. Dan l-għasfur tal-priża protett spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali tul l-istaġun magħluq, ftit jiem biss qabel il-bidu tal-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa ta' din is-sena, li jiftaħ illum u jibqa' miftuħ sal-31 ta' Jannar 2022.

"L-infurzar tal-ħarsien tal-bijodiversità, speċjalment l-għasafar, jibqa' l-akbar ostaklu biex tinstab soluzzjoni għall-problema ta' dawk li jaħsbu li huma 'l fuq mil-liġi. Il-fatt li hemm staġun tal-kaċċa għall-Fenek Selvaġġ miftuħ waqt li l-istaġun tal-kaċċa tal-għasafar huwa magħluq iservi bħala paraventu għal dawk li jridu jisparaw fuq tajr protett sa mill-ewwel jiem tal-passa. Dan ma jgħinx lill-uffiċjali tal-infurzar, u l-problema kompliet tiggrava meta l-liġijiet li jirregolaw il-kaċċa għall-fenek ġew imdgħajfa ftit tas-snin ilu – xi ħaġa li minnha ggwadanjaw biss il-kaċċaturi illegali."

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana spjega: "Aħna qed nosservaw numri dejjem jiżdiedu ta' għasafar protetti li jispiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali sena wara l-oħra u minkejja f'dan il-Gvern ma tantx jidher li jimpurtah. Ma teżisti l-ebda rieda jew responsabbiltà għall-ħarsien tal-għasafar u li kieku ma

kienx għall-isforzi ta' BirdLife Malta u l-Committee Against Bird Slaughter (CABS), ftit li xejn qatt jinqabdu l-persuni ħatja. Il-Gvern irid jifhem li jekk itejjeb l-infurzar u jdaħħal il-liġijiet meħtieġa ma jkun qiegħed bl-ebda mod imur kontra r-rieda politika tiegħu li jappoġġja lill-kaċċaturi ġenwini."

Fil-ġimgħat li ġejjin BirdLife Malta se tkun qiegħda, għal darba oħra, fil-kampanja b'numru ta' timijiet jissorveljaw il-passa tal-għasafar u l-attività tal-kaċċa u li se jaħdmu mill-qrib mal-pulizija. Inħeġġu lill-pubbliku biex igawdi l-passa tal-ħarifa ta' din is-sena u jirrapporta kull inċident jew suspett ta' illegalità lil BirdLife Malta fuq 7925 5697 u lill-Environmental Protection Unit (EPU) tal-Korp tal-Pulizija fuq 119. Nappellaw ukoll lin-nies biex kemm jista' jkun isiru membri ta' BirdLife Malta ħalli jgħinuna nsaħħu l-vuċi tagħna favur il-ħarsien ta' aktar għasafar u l-ħabitati tagħhom.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Holoq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**
- Ingħaqad ma' BirdLife Malta
- Tagħrif dwar il-kaċċa f'Malta
- Gwida dwar l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa 2021

**Ritratt mehmuż:**
- Bies tar-Reġina (Eleonora's Falcon) li nġabar nhar il-Ħadd minn BirdLife Malta f'Għawdex wara li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali (Ritratt ta' BirdLife Malta)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-PxQQihAmzV**
**Ara l-filmati fuq YouTube: https://youtu.be/oRTDs0cqUlM**
- Filmati tal-Bies tar-Reġina li nġabar nhar il-Ħadd minn BirdLife Malta f'Għawdex wara li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali (Filmat ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)